**283. L-Onor. Chris Said, l-Onor. Frederick Azzopardi, l-Onor. Kevin Cutajar u l-Onor. Robert Cutajar jipproponu illi:**

L-Ordnijiet Permanenti tal-Kamra tad-Deputati jiġu emendati kif ġej:

(a) Fl-Ordni Permanenti 120A, minnufih wara l-paragrafu (ix) tiegħu jiġi introdott dan il-paragrafu ġdid: "(x) Il-Kumitat Permanenti għall-Affarijiet ta' Għawdex."

(b) Minnufih wara l-Ordni Permanenti 120K, jidħol l-Ordni Permanenti ġdid li ġej: Il-Kumitat Permanenti għall-Affarijiet ta' Għawdex 120L.

(1) Il-Kumitat Permanenti għall-Affarijiet ta' Għawdex għandu jkollu l-funzjoni li jittratta l-materji kollha marbuta ma' Għawdex u li jevalwa, janalizza u jivverifika l-leġiżlazzjoni li tirrigwarda jew tolqot b' xi mod l-affarijiet ta' Għawdex.

(2) Il-Kumitat Permanenti għall-Affarijiet ta' Għawdex għandu jkun magħmul minn mhux iktar minn seba' membri li minnhom erbgħa jikkostitwixxu *quorum*. II-membri għandhom jintgħażlu b'dak il-mod li jkunu ġustament jirrappreżentaw lill-Kamra b'mod ġenerali, u proporzjonali skont l-għadd ta' membri tal-Gvern u tal-Oppożizzjoni, b'mod partikolari.

(3) Id-dispożizzjonijiet tal-paragrafu (3) tal-Ordni Permanenti 120E japplikaw *mutatis mutandis* għall-Kumitat Permanenti għall-Affarijiet ta' Għawdex.

30.10.2019

**Il-Ministru għal Għawdex ressaq din l-Emenda "A":**

**L-Onor. Clint Camilleri jipproponi din l-emenda għall-Mozzjoni 283:-**

Fil-paragrafu (2) tal-Ordni Permanenti 120L kif jidher fil-paragrafu (b) tal-Mozzjoni 283 minflok il-kliem "minn sebgħa membri li minnhom erbgħa jikkostitwixxu quorum" għandhom jidħlu l-kliem "minn ħames membri li minnhom tlieta jikkostitwixxu quorum".

12.03.2020

**L-emenda għaddiet nem.con. f'Seduta Nru 309 tal-Ħamis 12 ta' Marzu 2020.**

**Il-mozzjoni kif emendata għaddiet nem.con. f'Seduta Nru 309 tal-Ħamis 12 ta' Marzu 2020.**